MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 909/2005

**Franco Grech I.D. 18376(M)**

**Vs**

**Donald Micallef ( ID NRU 207082 (M) )**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' mitejn u erbgha u ghoxrin lira Maltin u sittin centezmu (Lm224.60c) kwantu ghal mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u sittin centezmu (Lm128.60c) kiri ta' DVD's u sitta u disghin lira Maltin (Lm96) prezz ta' tmien DVD's mhux ritornati.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' mitejn u erbgha u ghoxrin lira Maltin u sittin centezmu (Lm224.60c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------